MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 45/2003

**Agius Marble Works Limited**

**vs**

**Allworks Limited (C12440)**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, hames mija u tmenin Lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (LM4,580.45,0), oltre l-imghax legali rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta bhala prezz ta' appalt ta' xoghol u forniment ta' materjal fil-gnien pubbliku maghruf bhala Gnien l-Iljun fir-Rabat ghall-habta ta' Frar tas-sena 2000;**

**Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali datata 21 ta' Ottubru tas-sena 2002 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni taghhom;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-22 ta' April tas-sena 2003 meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------